**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem

**Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Fredrick Dalli (K.I. Nru. 619882M)**

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra Fredrick Dalli ta' 36 sena, bin Carmelo Dalli u Alfreda nee' Barbara, imwieled gewwa l-Pieta nhar il 12 ta' Novembru 1982, residenti gewwa Uprising, Dawret ix-Xatt, Bormla u detentur tal-karta ta l'identita' bin- numru 619882(M) li gie akkuzat illi nhar it-3 ta' Frar, 2020 u fil-gimghat u/jew fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

1. Kiser wahda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 14 ta' Marzu 2019 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Mgt Dr. Audrey Demicoli LL.D u li permezz tieghu nghatata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jidher ghal kull att tal-process fid-data, lok u hin li jigu lilhu ordnati minn kull Qorti.

2. Kiser wahda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 8 ta' Mejju 2019 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Mgt Dr. Claire Stafrace Zammit

LL.D u li permezz tieghu nghatata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jidher ghal kull att tal-process fid-data, lok u hin li jigu lilhu ordnati minn kull Qorti.

3. Kiser wahda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 24 ta' Lulju 2019 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Mgt Dr. Charmaine Galea LL.D u li permezz tieghu nghatata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jidher ghal kull att tal-process fid-data, lok u hin li jigu lilhu ordnati minn kull Qorti.

**2.** Rat li l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija ksur ta' kundizzjonijiet ghal-helsien mill-arrest, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digrieti tal-helsien mill-arrest, tordna li l-imsemmi Fredrick Dalli jibqa tinzamm arresta, kif ukoll tordna li s-somom ta' € 6,000 / € 15,000 / € 6,000 ewro rispettivament bhala garanziji personali sabiex jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**3.** Rat l-atti kollha tal-kawza flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

**4.** Semghet ix-xhiedha ta' l-Ispettur Eman Hayman moghtija in ezami u in kontro-ezami, kif ukoll ix-xhiedha ta' Ryan Azzopardi, Bertram Azzopardi, Alfreda Dalli u fl-ahhar u mhux l-inqas l-imputat Fredrick Dalli innifsu.

**Ikkunsidrat**

**5.** Illi skond l-Ufficjal Prosekutur l-**Ispettur Eman Hayman**, prezentement l-imputat ghandu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest b'kundizzjonijiet regolati taht tlett digriet separati moghtija minn din il-Qorti, cioe' id-digriet tal-14 ta' Marzu 2019 (*inter alia* b'kundizzjoni illi jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar kull nhar ta' Tnejn u Erbgha), id-digriet tat-8 ta' Mejju 2019 (*inter alia* b'kundizzjoni illi jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla kuljum) u d-digriet tal-24 ta' Lulju 2019. L-ahhar digriet *inter alia* jistipula illi l-imputat ma' jersaqx lejn il-Birgu, l-Isla u l-Bormla u li jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Sibt. Minhabba l-impediment li jidhol Bormla, il-*bail book* ittiehed l-Ghassa taz-Zabbar fejn hemmhekk l-imputat kellu jmur jiffirma kuljum sabiex jottempora ruhu mad-digrieti surreferiti. Xi granet wara dan l-ahhar digriet l-imputat kien ghamel kuntatt mal-Ispettur Hayman fejn talbu permess sabiex minn zmien ghal zmien ikun jista' jmur jara lill-ommu li tghix il-Bormla biex jara kif tkun. L-Ispettur Hayman tah dan il-permess fuq bazi umanitarja b'kundizzjoni illi jmur biss ghand ommu u mill-bqija ma' jersaqx lejn Bormla. Skond l-Ispettur gara illi l-imputat approfitta ruhu mis-sitwazzjoni u minn diversi informazzjoni li bdiet tasallu minn zmien ghal zmien dan beda

jiffrekwenta postijiet ohra fil-Bormla (fl-inhawi tal-mina ta' Santa Liena) u fil-Birgu (fl-inhawi tal-bini tal-Gvern) apparti li kien qieghed ukoll isuq meta dan ma' ghandux licenzja tas-sewqan. Xi granet qabel l-20 ta' Dicembru 2019, huwa u sejjer lura d-dar mix-xoghol, l-Ispettur Hayman personalment ra lill-imputat hdejn il-mina ta' Santa Liena (Bormla) "ixxamplat" u "jidhak" filwaqt li kien qed iserrah ma' karozza. Fl-20 ta' Dicembru 2019, wara li dahlulu izjed rapporti fuq l-imputat, l-Ispettur baghat ghall-imputat sabiex jiltaqa' mieghu fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn hemmhekk l-Ispettur tah canfira u widdbu li minn dakinhar 'l quddiem ma' setax assolutament jersaq lejn il-Bormla anqas biex jara lill-ommu sakemm ma' jirrikorrix ghal permess mill-Qorti. Mill-bidu tas-sena r-rapporti li l-imputat kien qed ikun il-Bormla u l-Birgu zdiedu u bdiet diehla informazzjoni ukoll illi l-imputat kien qed ikun involut f'numru ta' argumenti ma' terzi. Fl-ahhar granet qabel it-12 ta' Frar 2020 huwa ma' marx jiffirma l-Ghassa u kien ghalhekk illi fil-11 ta' Frar 2020 l-Pulizija arrestat lill-imputat u dan gie mressaq taht arrest fit-12 ta' Frar 2020. In kontroezami l-Ispettur ikkonferma illi meta maru jigbru lill-imputat mid-dar tieghu dan infurmahom li ma' kienx mar jiffirma minhabba li kien ma' jiflahx u qallhom illi t-tfajla tieghu kienet ser tghaddi certifikat mediku lill-Pulizija. Dan ic-certifikat pero baqa' ma' wasalx.

6. Illi skond **<u>Ryan Azzopardi</u>** huwa kemm il-darba ra lill-imputat gewwa Bormla fl-ahhar gimghat hdejn il-mina ta' Santa Liena u kien ghamel diversi rapporti mal-Pulizija fuq dan peress li kien jaf (ghax skond hu, kien qallu l-imputat stess meta kien ghadu habib tieghu) illi ma' setax jaghmel hekk. Inoltre, xi granet qabel huwa ghamel ukoll rapport l-Ghassa peress illi x-xhud kien involut f'incident ma' familjari tal-imputat wara li anke kellu xi jghid mal-imputat innifsu. Dan l-incident beda meta filoghdu gewwa Triq San Dwardu, il-Birgu, l-imputat allega max-xhud illi dan kien ittantalu lit-tfajla tieghu. Jidher illi l-imputat mar jghid lil hutu u filghaxija dawn habtu ghax-xhud bil-karozza taghhom u ghamlulu diversi hsarat fuq il-vettura tieghu.

7. Illi skond **<u>Bertram Azzopardi</u>**, apparti li kkonferma illi huwa kien ukoll xhud tal-incident fuq imsemmi ta' filghaxija (incident li fih pero l-imputat ma' kienx ippartecipa), kkonferma ukoll illi mill-bidu tas-sena huwa ta' sikwit kien jara lill-imputat gewwa Bormla inkluz fi Triq Verdala, hdejn il-mina ta' Santa Liena u hdejn il-*Convenience Shop* u c-*Chick King* vicin l-Ghassa tal-Pulizija.

8. Illi skond **<u>Alfreda Dalli</u>** it-tifel taghha (l-imputat) kien ta' sikwit izurha peress illi hija tbati mid-*depression* izda tghid ukoll illi ma' tantx kien idum hdejha.

**9.** Illi skond l-**imputat Fredrick Dalli** huwa assolutament qatt ma' resaq lejn Bormla mill-bidu tas-sena u li kieku vera li kien imur ic-*Chick King* kieku zgur il-Pulizija kienu jesebixxu l-filmati tas-CCTV. Jghid illi huwa ma' setax jiffirma fl-ahhar granet gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar peress illi kien qam ma' jiflahx. Inoltre' xehed ukoll illi meta kien ikun hdejn il-mina ta' Santa Liena (Bormla), dan kien ikun biss ghax kien jistenna lill-ommu tigi minn barra, peress illi ommu toqghod tefgha ta' gebla 'l boghod.

## Ikkunsidrat

**10.** Illi qabel xejn, ghalkemm mhux specifikat fic-citazzjoni, mill-assjem tal-provi u mit-trattazzjoni hareg illi l-Prosekuzzjoni qed tallega l-ksur ta' zewg kundizzjonijiet partikolari: (i) il-kundizzjoni li jiffirma l-*bail book* kuljum u, (ii) il-kundizzjoni li l-imputat ma' jersaqx lejn il-Bormla, il-Birgu u l-Isla.

*Kundizzjoni li jiffirma l-bail book kuljum*

**11.** Illi fir-rigward tal-kundizzjoni li jiffirma l-*bail book* kuljum it-tlett digrieti ta' helsien mill-arrest moghtija minn din il-Qorti jobbligaw lill-imputat li jiffirma fi tlett ghasses tal-Pulizija differenti. L-ewwel digriet jorbtuh li jiffirma l-Ghassa ta' Haz-Zabbar kull nhar ta' Tnejn u Erbgha bejn 8am u 8pm. It-tieni digriet jorbtu li jiffirma l-Ghassa tal-Bormla kuljum bejn 8am u 5pm. It-tielet digriet jorbtu li jiffirma l-Ghassa ta' Birzebbugia nhar ta' Tnejn, Erbgha u Sibt bejn 8am u 8pm. Il-Prosekuzzjoni qalet illi wara t-tielet u l-ahhar digriet (li jipprojbixxi lill-imputat milli *inter alia* jersaq lejn il-Bormla) il-*bail book* tal-Ghassa ta' Bormla ittiehed fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja ta' estratt minn dan il-*bail book* u l-imputat qed jigi akkuzat illi ma' ffirmax fuq dan il-*bail book* partikolari (i.e. dak li kellu jiffirma skond id-digriet tat-8 ta' Mejju 2019)[1].

**12.** Illi ghalkemm id-difiza ma' kkuntestax li l-imputat verament naqas milli jaghmel dan fl-10 ta' Frar 2020 u fil-11 ta' Frar 2020, madanakollu sahqet illi dan in-nuqqas sehh minhabba li l-imputat gie indispost ghal ragunijiet ta' sahha.

**13.** Illi qabel xejn ghandu jinghad li minkejja li kellu diversi opportunitajiet, anke matul din il-kawza, sabiex jesebixxi c-certifikat mediku li qal li kellu fil-pussess tieghu (hu jew it-tfajla tieghu), l-imputat baqa' ma' ghamilx dan. Inoltre' d-digrieti tal-Qorti jaghmluha cara illi f'kaz li ma' jkunx jista' jirraporta fil-hin u zmien previst, l-imputat huwa obbligat li jibghat certifikat mediku fi zmien sitt (6) sieghat minn meta suppost kellu jirrapporta. Mill-*bail book* esebit jirrizulta illi l-ahhar li ffirma l-imputat kien nhar id-9 ta' Frar 2020 fl-3.45pm. L-ghada 10

---

[1] Fol 16

ta' Frar 2020 kellu jiffirma bejn it-8am u l-5pm. Li kieku verament l-imputat qam ma' jiflahx f'tali gurnata, huwa kellu sa' mhux aktar tard mill-11pm jghaddi certifikat mediku lill-Pulizija. Dan huwa m'ghamlux u inoltre l-ghada 11 ta' Frar 2020 rega naqas li jiffirma.

**14.** Illi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ma' jigux moghtija ghalxejn u jservu *inter alia* ghall-ghan li jigi assigurat illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan. Taht il-Ligi Kriminali hemm il-htiega li imputat jigi notifikat bid-differimenti tal-kawza u huwa ghalhekk illi jigu imposti kundizzjonijiet ta' ffirmar u dan sabiex il-Pulizija ma' jkolliex diffikultajiet sabiex tinnotifikah.

**15.** Illi l-Qorti ma' tistax ma' tissenjalax ukoll illi kien hemm certu laxkezza min-naha tal-imputat (tollerata mill-Pulizija) biex jiffirma dan il-*bail book* tant illi mill-14 ta' Jannar 2020 'l quddiem, dan naqas milli jiffirma fi tlettax-il okkazjoni separati, u cioe fil-15, 18, 21, 24, 26, 28 u 30 ta' Jannar 2020, kif ukoll fl-1, 2, 4, 5, 6 u 8 ta' Frar 2020, apparti naturalment fl-10 u fil-11 ta' Frar 2020. Ghalkemm huwa minnu illi l-Pulizija Esekuttiva ghandha jkollha certu diskrezzjoni, flessibilita' u pratticita' fl-infurzar ta' dawn il-kundizzjonijiet, madanakollu f'dan il-kaz jidher illi forsi l-Pulizija ttollerat u mxiet b'mod wisq hanin mal-imputat.

**16.** Illi jirrizulta ghalhekk b'mod car lill-Qorti illi l-imputat kiser din il-kundizzjoni imposta fuqu.

*Il-kundizzjoni li ma' jersaqx lejn il-Bormla, il-Birgu u l-Isla*

**17.** Illi din il-kundizzjoni giet imposta fit-tielet u l-ahhar digriet tal-helsien mill-arrest.

**18.** Illi d-difiza sostniet illi kien l-Ufficjal Prosekutur stess illi bl-agir tieghu gieghel lill-imputat jikser din il-kundizzjoni tad-digriet tal-helsien mill-arrest tal-24 ta' Lulju 2019 u dan billi hallih imur jara lill-ommu (li toqghod il-Bormla) minn zmien ghal zmien. L-Ufficjal Prosekutur pero xehed b'mod car illi ghalkemm huwa minnu illi fuq bazi umanitarja huwa kien halla lill-imputat jidhol il-Bormla specifikament sabiex jara lill-ommu, madanakollu huwa nfurmah fl-20 ta' Dicembru 2019 illi anqas seta' jibqa' jaghmel dan peress illi dan ma' mexiex ta' nies u beda jidhol gewwa l-Bormla u l-Birgu ghal skopijiet ohra. Ghalhekk l-argument tad-difiza ma' jregix mhux l-anqas ghaliex l-Ispettur Hayman fl-ebda stadju ma' ta xi *carte blanche* lill-imputat sabiex jaghmel li jrid, kif donnu qed isostni l-istess imputat.

**19.** Illi d-difiza sahqet ukoll illi oltre minn dik id-darba li l-Ufficjal Prosekutur personalment sab lill-imputat hdejn il-mina ta' Santa Liena (Bormla), ftit jiem qabel l-20 ta' Dicembru 2019, il-Prosekuzzjoni ma' ressqitx l-ahjar prova dwar dan l-allegat ksur, u cioe' xi ufficjali tal-Pulizija li setghu raw lill-imputat fl-inhawi fejn mhux suppost kellu jkun jew xi filmati tas-CCTV. Il-Qorti ma' taqbilx. Sabiex tipprova l-kaz taghha l-Prosekuzzjoni m'ghandha l-ebda htiega li tressaq bilfors dawn it-tip ta' xhiedha. Kif xehed l-Ispettur Hayman, gewwa l-Bormla tasal hafna informazzjoni minn dak u mill-iehor, u fic-cirkustanzi ma' jkunx ragjonevoli li kull darba li jidhollu rapport dwar allegat ksur ta' kundizzjonijiet ta' *bail* jibghat ufficjal tal-Pulizija fuq il-post. Il-Prosekuzzjoni ghazlet illi tressaq zewg xhiedha pajzana li lkoll qalu illi raw lill-imputat gewwa l-Bormla diversi drabi mill-bidu tas-sena 2020. L-abbli avukat tad-difiza sahaq illi dawn iz-zewg xhiedha m'huma kredibbli xejn minhabba l-passat kriminali taghhom u li x-xhiedha taghhom ghandha tigi skartata. Skond l-Artiklu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-kredibilita' ta' xhud illi *inter alia* jkun instab hati ta' xi reat minn Qorti ghandha tigi ggudikata mill-istess Qorti "*billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ*". Il-Qorti qieset sew ix-xhiedha kemm ta' Ryan Azzopardi u kif ukoll ta' Bertram Azzopardi u sostanzjalment ma' sabet xejn x'ticcensura fihom. Ma' hargu l-ebda kontradizzjonijiet fix-xhiedha taghhom u inoltre fir-rigward tal-allegat incident li sehh ftit jiem qabel il-kawza, dak li xehed Ryan Azzopardi fis-sustanza jikkombaci sew ma' dak li stqarr lill-Pulizija skond kif jidher fir-rapport tal-okkorrenza a fol 8-9 tal-process.

**20.** Illi wara li qieset it-testimonjanza ta' dan iz-zewg xhieda flimkien ma' dak li xehed l-Ispettur Hayman innifsu, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat injora u kiser din il-kundizzjoni imposta fuqu.

*In-natura tal-kundizzjonijiet*

**21.** Illi l-abbli avukat tad-difiza fit-trattazzjoni tieghu ghamel l-argument illi ghandha ssir distinzjoni bejn dawk il-kundizzjonijiet principali tal-*bail* li jorbtu lill-imputat sabiex ma' javvicinax lix-xhiedha u sabiex jidher fil-proceduri gudizzjarji u dawk il-kundizzjonijiet sekondarji li huma biss sussidjarji ghar-raguni principali tal-helsien mill-arrest. Skond id-difiza, l-kundizzjonijiet li seta kiser l-imputat jaqghu taht it-tieni kategorija u huma ta' portata relativament minuri. F'dan ir-rigward saret riferenza ghal tlett sentenzi u cioe' dik moghtiha mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani fl-ismijiet: *Lawrence Gatt vs Malta,* dik moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet: *John Grima vs Avukat*

*Generali* u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: *Il-Pulizija vs Elaine Muscat*.

**22.** Illi fil-kawza **Lawrence Gatt vs Malta** (ECtHR, Application no. 28221/08, 27/10/2010), l-applikant kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht certu kundizzjonijiet fosthom illi johrog mid-dar biss sabiex jakkumpanja lill-ibnu huwa u sejjer lejn l-iskola bejn is-sitta u d-disgha ta' filoghdu u lura mill-iskola ghad-dar bejn it-tlieta u s-sitta ta' waranofsinhar. Sabiex jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju moghti lilu fl-2001 huwa kien iddepozita fir-Registru s-somma ta' €1,165 oltre garanzija personali ta' €23,300. Gara illi wara rapport li fl-2006 l-applikant kien gewwa l-Belt Valletta bejn is-sitta ta' filghaxija u t-tmienja ta' filghaxija, il-Qorti Kriminali permezz tad-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2006 irrevokat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, ordnat l-arrest tieghu mill-gdid u kif ukoll il-konfiska tad-depozitu imhallas u l-hlas lill-Gvern tal-ammont garantit. Peress illi l-applikant ma' setax ihallas l-ammont garantit lill-Gvern (i.e. €23,300) ittiehdu proceduri taht l-Art. 586 tal-Kodici Kriminali u b'ordni tat-28 ta' Lulju 2006 il-Qorti Kriminali kkonvertit din is-somma ghal perjodu ta' detenzjoni ta' hames snin u sitt xhur. Il-Qorti Ewropeja stqarret illi filwaqt li fl-2001 l-applikant seta' kien f'posizzjoni illi jhallas l-garanzija f'kaz ta' ksur, fl-2006 huwa kien indigenti u f'sitwazzjoni finanzjarja hazina probabbilment ghaliex huwa ma' setax jahdem f'dak il-perjodu li matulu l-process kriminali kien ghadu ghaddej. F'tali cirkustanzi skond il-Qorti ma' kienx realistiku li wiehed jistenna lill-applikant ikun jista' jissodisfa l-hlas tal-garanzija f'kaz ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-*bail*. Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet *inter alia* illi l-perjodu ta' detenzjoni ta' hames snin u sitt xhur minhabba n-nuqqas tal-hlas tal-ammont garantit kien imur kontra l-Artikolu 5.1 tal-Konvenzjoni minhabba li ma' kienx hemm bilanc gust bejn l-importanza li tkun zgurata z-zamma ta' ordni tal-Qorti f'socjeta' demokratika u l-importanza tad-dritt ghall-liberta' u s-sigurta tal-persuna.

Skond il-Qorti l-ghan tad-detenzjoni ma' kienx sabiex tigi zgurata z-zamma mal-kundizzjonijiet tal-*bail* imma biss biex ikun zgurat il-hlas tas-somma garantita. Il-Qorti Ewropeja stqarret ukoll illi l-Art. 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (kif kien dak iz-zmien) ma' jaghmilx distinzjoni bejn dawk il-kundizzjonijiet relatati mal-ghan principali tal-helsien mill-arrest (dak li jidher ghall-process) u kundizzjonijiet ohra li huma sussidjarji, ghalkemm jaghti d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma' tapplikax l-artikolu tal-ligi f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-ksur ta' xi kundizzjoni ma' tkunx ta' natura serja. Il-Qorti stqarret illi fil-kaz in kwistjoni, fejn il-kundizzjoni miksura kienet dik relatata mar-rinkazar tal-applikant u mhux mad-dehra tieghu quddiem il-Qorti, il-ligi hija tali li tista' twassal ghal rizultat arbitrarju u disproporzjonat.

Din il-Qorti ghandha l-fehmiet taghha dwar din id-decizjoni izda thoss illi dawn huma rrilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza galadarba **tali decizjoni kienet tirrigwarda d-detenzjoni ta' imputat li kien kiser kundizzjoni tal-*bail* u sussegwentement naqas milli jhallas l-ammont garantit (i.e. taht l-Artikolu 586)**. Il-*fattispecie* u l-kuntest fil-kawza odjerna huma differenti ghaliex f'dan l-istadju si tratta ta' proceduri kriminali istitwiti mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' citazzjoni taht l-Art. 579(2) abbazi ta' liema din il-Qorti jekk issib htija hija marbuta illi timponi multa u/jew sentenza karcerarja ta' bejn erba' xhur u sentejn U tordna l-konfiska tal-ammont garantit. Fi kliem iehor is-sentenza karcerarja li tista' tinghata fil-kaz odjern hija marbuta mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-*bail* u hija totalment differenti mis-sentenza ta' detenzjoni li tinghata fil-kaz li l-imputat ma' jhallasx l-ammont garantit minnu.

**23.** Illi fil-kawza **John Grima vs Avukat Generali** (Qorti Kostituzzjonali, Appell Civili Numru. 32/2009/1, deciza 16 ta' Marzu 2011) ghal darb' ohra il-kaz kien jitratta konverżjoni tal-obbligazzjoni prekunarja taht l-Art. 586 tal-Kap. 9. Il-Qorti qalet hekk:

*"Din il-Qorti, pero`, hi mhasba dwar il-mod tassattiv kif inhuma registrati l-Artikoli 579(1) u 586(1) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 579(1) jiddisponi, fil-qosor, li jekk l-imputat jew l-akkuzat jonqos li josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, "is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta", u l-Artikolu 586(1) jghid li jekk ma jsirx hlas ta' din is-somma, l-imputat jew l-akkuzat ghandu jinzamm f'detenzjoni ghal zmien ta' mhux aktar minn gurnata ghal kull €11.65 ta' dik is-somma.*

*Ghalkemm il-proviso ghall-Artikolu 579(1) jghid li t-telfien tal-garanzija ma joperax jekk il-ksur tal-kundizzjoni imposta "ma hiex ta' konsegwenza serja", ma tipprovdix lill-Qorti b'diskrezzjoni li timitiga l-ammont ta' telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista' jkollu "konsegwenza serja", il-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni "to fit the punishment to the offence", izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija kollha, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat. Kien fil-fatt dan in-nuqqas ta' proporzjon li waslet lill-Qorti Ewropeja ta' Gustizzja tqis dan l-artikolu drakonjan fil-kaz ta' Lawrence Gatt v. Malta, deciza fis-27 ta' Lulju 2010, fejn ma qablitx ma' sentenza li tat din il-Qorti fit-12 ta' Frar 2008, li f'cirkostanzi li jixbhu dawk ta' din il-kawza, kienet sabet xejn hazin fil-konverzjoni kif giet applikata f'dak il-kaz.*

*Biex jigu indirizzati l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg, din il-Qorti thoss li f'kaz ta' ksur ta' xi kundizzjoni imposta, il-Qorti Kriminali ghandha tinghata diskrezzjoni li tapplika l-Artikolu 579(1) in toto jew in parte skont il-gravita` tal-kaz. Hemm diversi gradi ta' serjeta` li jista' jirrizulta wara ksur ta' kundizzjoni, u l-Qorti trid tkun fi grad li tqis dawn ic-cirkostanzi u tordna skont is-serjeta` tal-kaz, jekk il-garanzija ghandhiex tghaddi favur il-Gvern ta' Malta in parte jew fl-interessi taghha. F'kaz bhal dan, fejn giet imposta garanzija personali ta' €23,293.73, meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita`..."*

Il-Qorti Kostituzzjonali imbaghad tat ir-rimedju taghha billi dderigiet lill-Qorti Kompetenti sabiex "*fl-applikazzjoni tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali tqis il-gravita` tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti minnha fid-digriet taghha li bih tat il-helsien mill-arrest lir-rikorrent u jekk, bhala konsegwenza, ghandhiex tordna li l-garanzija tghaddix favur il-Gvern ta' Malta in parte jew fl-interezza taghha.*"

Din il-Qorti terga' tissottolinea illi l-kaz *de quo* ma' jitrattax konverzjoni ta' ammont moghti taht garanzija f'sentenza ta' detenzjoni. Inoltre, is-sentenza msemmija titratta digriet ta' helsien mill-arrest moghti fid-9 ta' Frar 2006, cioe' fi zmien meta l-Art. 579 ma' kienx kompost kif inhu llum imma kien sostanzjalment limitat ghal dak li llum huwa s-subinciz (1) tal-istess artikolu u cioe:

*"579. (1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma*

*msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*

*Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja."*

Fil-kaz in kwistjoni, il-Prosekuzzjoni m'ghamlitx talba permezz ta' rikors taht l-Art. 579(1) ghall-konfiska tal-ammont garantit u ghar-riarrest tal-imputat imma ressqet lill-imputat taht arrest taht id-disposizzjonijiet tal-Art. 579(2),(3) u (4). L-Art. 579(2) ma' jaghtix ghazla lill-Qorti f'dak li ghandu x'jaqsam konfiska tad-depozitu u tal-garanzija, fil-kaz li ssib htija, mentri l-Art. 579(1) jaghti din l-ghazla. **Ta' min jghid illi l-Qorti tnehhitilha din l-ghazla wara l-emenda mdahhla fil-ligi permezz tal-Att Nru. VIII tal-2015 liema emenda ma' kienetx gietx dibattuta fl-istadju tal-Kumitat Permanenti Għall-Kunsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi u ghaddiet nem. con. u dan b'kuntrast ma' dak li kien sehh fl-istess stadju meta ddahhal fis-sehh l-Att Nru. XI tal-2009 meta dakinhar il-membri kienu lkoll qablu dwar il-fatt li l-Qorti ghandha tinghata din id-diskrezjoni.**

**24.** Illi fit-tielet u l-ahhar kawza invokata mid-difiza, **Il-Pulizija vs Elaine Muscat** (Qorti tal-Appell Kriminali, App. Krm Nru. 329/2013, 5 ta' Awwissu 2013), l-appell kien jikkoncerna piena karcerarja moghtija mill-Ewwel Qorti wara sejbien ta' htija taht l-Art. 579(2) fuq ammissjoni tal-imputata stess. Il-Qorti tal-Appell cahdet l-istess appell. Din il-Qorti ma' tarax illi l-*fattispecie* tal-kaz jew l-analizi legali maghmulha minn dik il-Qorti huma b'xi mod relevanti ghal dan il-kaz.

**25.** Illi l-Prosekuzzjoni min-naha taghha argumentat fit-trattazzjoni finali illi l-imputat ghandu karattru tali illi ma' jafx ma' jaqbadx argument u l-fatt illi jinsab akkuzat b'dawn l-akkuzi huwa biss frott tal-ghazliet tieghu u tort ta' hadd izjed. Inoltre' sahqet illi hu jew is-siebha tieghu kellhom kull cans li jghaddu c-certifikat mediku msemmi lill-Pulizija Ezekuttiva izda dawn baqghu m'ghamluhx.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

**26.** Illi l-Qorti taqbel mat-tezi illi l-iskop principali tal-*bail* huwa illi l-imputat jidher ghal-kull att tal-procediment. Madanakollu ma' taqbel xejn mal-argument tad-difiza illi l-kundizzjonijiet li setghu gew miksura kienu ta' importanza sekondarja u li l-ksur taghhom ma' kienx ta' natura serja. Il-kundizzjonijiet ta' rinkazar u tal-iffirmar tal-*bail book* fi tliet digrieti separati kienu evidentement intizi mhux biss biex l-imputat jigi notifikat b'kull att tal-process **imma inoltre**

**<u>ukoll sabiex jigi zgurat illi l-imputat ma' jersaqx vicin lokalita' fejn tghix persuna illi huwa marbut li ma' javvicinax (la lilha u lanqas lill-familjari taghha jew persuni li ghandom relazzjoni maghha).</u>** L-imputat kien jaf b'din il-kundizzjoni tant illi meta xtaq jibda jmur jara lill-ommu li tghix fil-Bormla, huwa staqsa ghal permess mill-Ispettur Prosekutur, liema permess sussegwentement inghatalu.

**27.** Illi minkejja illi fl-20 ta' Dicembru 2019 huwa gie imwissi mill-istess Spettur illi anke dan il-permess informali kien qieghed jigi irtirat, l-imputat ippersista bl-agir tieghu u fil-fehma tal-Qorti wera disprezz kbir lejn l-awtorita' mhux biss tal-istess Spettur izda ukoll ta' din il-Qorti.

**28.** Illi mill-provi li gew esebiti il-Qorti hija konvinta moralment illi l-akkuzi gew ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Ghal kull bwon fini jinghad illi fir-rigward tal-ewwel akkuza, l-imputat kiser il-kundizzjoni imposta fuqu permezz tad-digriet tal-14 ta' Marzu 2019 li ma' jikkommetix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fir-rigward tat-tieni akkuza, l-imputat kiser *inter alia* l-kundizzjoni imposta fuqu permezz tad-digriet tat-8 ta' Mejju 2019 li jiffirma kuljum il-*bailbook* u fir-rigward tat-tielet akkuza, l-imputat kiser *inter alia* l-kundizzjoni imposta fuqu permezz tad-digriet tal-24 ta' Lulju 2019 li ma' jersaqx lejn il-Birgu, l-Isla u l-Bormla.

*Piena u konfiska*

**29.** Illi kif diga inghad, galadarba l-Qorti ssib il-htija tal-imputat taht l-Art. 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha:

1. Timponi multa jew sentenza karcerarja ta' bejn erba' xhur u sentejn, U
2. Tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

**30.** Illi l-Qorti tqis li l-agir dispreggjattiv tal-imputat li jinjora kundizzjonijiet specifici imposti minn din il-Qorti jimmerita piena karcerarja anke tenut kont li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet ta' **<u>tlett</u>** digrieti separati tal-helsien mill-arrest u kif ukoll minhabba l-fedina penali pjuttost rifrettarja tal-imputat. Madanakollu hija ma' tarax li ghandha ghalfejn tmur oltre l-minimu (ossia' l-minimu ta' piena karcerarja) ta' erba' xhur.

**31.** Illi fir-rigward tal-konfiska tal-ammont garantit, il-Prosekuzzjoni talbet li l-Qorti tordna illi s-somom ta' €6,000, €15,000 u €6,000 rispettivament jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Ghal kull bwon fini jinghad li l-Prosekuzzjoni ma' kelliex ghalfejn taghmel din it-talba peress illi kif inghad, ordni bhal din hija tassattiva

meta l-Qorti ssib htija u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq hlief li tordna l-konfiska tal-ammonti indikati.

**Decide**

32. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 9, Art. 579(2) u Art. 579(3) tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u:**

1. **tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) xhur li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kawza odjerna,**
2. **tordna li l-ammonti stabbiliti fid-digrieti tal-helsien mill-arrest taht garanzija moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta tal-14 ta' Marzu 2019 (Magistrat Audrey Demicoli LL.D), tat-8 ta' Mejju 2019 (Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D) u tal-24 ta' Lulju 2019 (Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D) – total ta' seba' u ghoxrin elf euro (€27,000) – jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta,**
3. **tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat moghti taht id-digrieti msemmija u tordna li l-imputat jigi arrestat mill-gdid wara li jiskonta l-piena karcerarja fuq imsemmija.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**